



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13506/18

CSDP/PSDC 590
CFSP/PESC 980
COAFR 262
RELEX 897
EUTM MALI 22
PSC DEC 22
CONUN 240

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) (EUTM Mali/2/2018)

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ
(PESK) 2018/...**

ta'...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari
tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ
tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)
(EUTM Mali/2/2018)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

¹ ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Mali, inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni EUTM Mali.
- (2) Fit-23 ta' Jannar 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/135¹ biex ħatar lill-Brigadier Ġeneral Enrique MILLÁN MARTÍNEZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni EUTM Mali.
- (3) Fil-5 ta' Ottubru 2018, il-Ġermanja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Peter MIROW biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Enrique MILLÁN MARTÍNEZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni EUTM Mali mit-12 ta' Novembru 2018.

¹ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/135 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) (EUTM Mali/1/2018) (ĠU L 24, 27.1.2018, p. 1).

- (4) Fil-5 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Peter MIROW. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/135 titħassar.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Peter MIROW huwa b'dan maħtur b'ħala l-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) mit-12 ta' Novembru 2018.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/135 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Novembru 2018.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
